# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Kevin Grech**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 1 ta` Diċembru, 2014 miġjuba fil-konfront ta` Kevin Grech, detentur tal-karta tal-identita` numru 206087M fejn ġie mixli talli fid-19 ta' Novembru 2014 ġewwa l-inħawi ta' tas-Sliema telaq nar, jew spara maskli, bombi, suffarelli, jew xogħolijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, inkella tella blalen bin-nar, jew in ġenerali, għamel splużjoni jew nar li jista' jkun ta' perikolu f'kull post li jkun mingħajr liċenza tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul is-seduta tad-9 ta' Marzu 2017 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali l-imputat stqarr li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat aktar 'il fuq.

Wara li rat l-Artikoli 392A(1) u 453(1) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti wara li spjegat lill-imputat bi kliem sempliċi u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn din l-istqarrija ta' ħtija reġistrata minnu u ċjoe li l-Qorti tkun tista' ssibu ħati u tgħaddi kontra tiegħu il-piena spettanti skont il-Liġi, tagħtu żmien biżżejjed sabiex jekk irid jirtira l-ammissjoni tiegħu; u wara li reġgħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-imputat, wara li anke kkonsulta mal-avukat tiegħu, reġa' tenna li huwa ħati u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputat fl-atti tal-kawża.

Semgħet lill-imputat jiddikjara mingħand min huwa kien akkwista l-logħob tan-nar li kien ġie maħruq minnu.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jitrattaw il-kawża.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti innuntat li f'dan il-każ l-imputat ammetta li huwa kien ħaraq xi logħob tan-nar mingħajr ma kien debitament awtorizzat. Mill-banda l-oħra jirriżulta li ebda persuna ma sofriet xi offiża fuq il-persuna tagħha in konsegwenza għal dan l-aġir.

Ir-reat kommess minnu huwa dak imnissel mill-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid -

> **24.** (1) Ħadd ma jista' , mingħajr liċenza tal-Pulizija, jagħti nnar jew jispara maskli, bombi, sufarelli, jew xogħlijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, inkella jtella' blallen bin-nar jew, in ġenerali, jagħmel esplożjoni jew nar li jista' jkun ta' perikolu, f' kull post li jkun.
> (2) Il-liċenza msemmija fis-subartikolu (1) tingħata taħt ilkondizzjoni illi l-operazzjonijiet hawn fuq imsemmija jsiru f' post irparat, u, f' okkażjonijiet ta' festi jew ta' ġemgħat oħra ta' nies, f' post hekk imbiegħed mill-folol li ma jistgħux isiru disgrazzji.
> (3) Meta jsir reat kontra d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) u l-ħati ma jkunx magħruf, il-kerrej jew id-detentur tal-fond li fih ikun sar ir-reat, jew jekk fil-fond ma jkunux joqogħdu nies, dak li jkollu l-ħsieb jew l-inkargu tiegħu, huwa responsabbli tar-reat, kemm-il darba seta' ma jħallix isir dak ir-reat.

Il-piena abbinata minn dan ir-reat titnissel mill-Artikolu 33 tal-istess Ordinanza li jgħid : -

> **33.** (1) Kull min jikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 24 jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija taħt l-artikolu 29.

Issa l-Artikolu 29 tal-istess Ordinanza jipprovdi li –

> **29.** (1) Kull min, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima I ta'

din l-Ordinanza, iżomm fid-dar tiegħu jew f' post ieħor, jaħdem,
ibigħ jew joffri għal bejgħ, jew jikkunsinna lill-persuni mhux
awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi waħda mis-sustanzi l-oħra
msemmijin fl-artikolu 6, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena talpriġunerija
għal żmien ta' bejn sitt xhur u sentejn jew multa ta'
mhux anqas minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u mhux iżjed minn
ħamsin elf euro (€50,000), jew għal dik il-priġunerija u multa
flimkien.
(2) Meta porvli tal-isparar jew xi sustanza oħra kif imfisser fissubartikolu
(1) u li huma miżmuma, ippreparati, mibjugħa, offruti
għall-bejgħ jew ikkunsinnati kif previst fis-subartikolu (1)
jikkawżaw splużjoni li b' konsegwenza tagħha tiġi kaġunata mewt
ta' persuna oħra jew offiża gravi fuq persuna oħra, il-persuna li
żammet, ippreparat, biegħet, offriet għall-bejgħ jew ikkunsinnat
dawk l-istess porvli tal-isparar jew sustanza oħra, tista' teħel, meta
tinsab ħatja, kif ġej:
(*a*) meta tkun ġiet ikkaġunata l-mewt ta' persuna oħra, ilpiena
ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn
erba' snin;
Kap. 9.
(*b*) fejn titwettaq offiża gravi fuq il-persuna liema offiża
tipproduċi xi wieħed mill-effetti msemmija fl-artikolu
218 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena ta' priġunerija għal
żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux
inqas minn tmint elef euro (€8,000) iżda mhux iżjed
minn tmenin elf euro (€80,000) jew għal dik il-multa u
priġunerija flimkien;
Kap. 9.
(*ċ*) fejn titwettaq offiża gravi fuq il-persuna liema offiża
ma tipproduċix xi wieħed mill-effetti msemmija flartikolu
218 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena ta'
priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena jew
multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro
(€2,500) iżda mhux iżjed minn għoxrin elf euro
(€20,000) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Issa f'dan il-każ, għalkemm l-Artikolu 33 tal-Ordinanza jgħidlek li l-imputat għandu jingħata l-piena skont l-Artikolu 29, dan l-aħħar artikolu ma jispeċifikax piena għas-sitwazzjoni li sab ruħu fiha l-imputat. L-ipoteżi taħt l-Artikolu 29(1) ma tapplikax għalih għaliex ma rriżulta mkien li huwa :

> iżomm fid-dar tiegħu jew f' post ieħor, jaħdem, ibigħ jew joffri għal bejgħ, jew jikkunsinna lill-persuni mhux awtorizzati, porvli tal-isparar jew xi waħda mis-sustanzi l-oħra msemmijin fl-artikolu 6

u għalhekk ma jistax jiġi mogħti l-piena msemmija fl-Artikolu 29(1).

Mill-banda l-oħra huwa verament ħaraq logħob tan-nar meta ma kellux liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda meta għamel dan il-ħruq ma kien hemm ebda persuna li sofriet xi offiża fuq il-persuna tagħha. Għalhekk l-ipoteżi tar-reat kommess huwa differenti minn dak li jistabbilixxi l-piena taħt l-Artikolu 29(2). Iżda bis-saħħa tal-Artikolu 33 il-Qorti hija marbuta li tagħtih xi piena taħt l-Artikolu 29 xorta waħda.

Hawnhekk wieħed jista' jargumenta li din l-ipoteżi tar-reat f'dan il-każ hija milquta minn dik il-parti tal-Artikolu 29(1) fejn jingħad li huwa jżomm "fid-dar tiegħu jew f'xi post ieħor" fis-sens li la huwa ħaraq dan il-logħob tan-nar bilfors ried li jżommu, anke jekk momentarjament, f'xi post ieħor. Iżda din l-interpretazzjoni tkun tfisser li l-Qorti jkollha timponi l-piena

> Tal- priġunerija għal żmien ta' bejn sitt xhur u sentejn jew multa ta' mhux anqas minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000), jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien.

Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 29(2)(c) jipprovdi piena ferm inferjuri fil-każ ta' persuna li minħabba l-użu ta' splussivi tikkawża offiża fuq persuna b'konsegwenzi anqas minn dawk ravviżati fl-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali : -

(*ċ*) fejn titwettaq offiża gravi fuq il-persuna liema offiża ma tipproduċix xi wieħed mill-effetti msemmija flartikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena jew

multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) iżda mhux iżjed minn għoxrin elf euro (€20,000) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Dan evidentement huwa kontro-sens għaliex min bil-ħruq tan-nar jikkawża offiża gravi fuq il-persuna huwa suġġett għal piena ferm anqas minn dak li bil-ħruq tan-nar tiegħu ma jikkawża ebda offiża fuq il-persuna. Din l-anomalija għandha tiġi ndirizzata mill-Leġislatur.

Sadanittant f'dan il-każ pero l-Qorti hija kostretta ssib ħtija għaliex l-imputat ammetta għal reat kriminali u l-Liġi, għalkemm bl-anomalija aktar il-fuq imsemmija, tipprovdi għal "piena" f'dan ir-reat.

Din il-Qorti qegħda tagħżel li tagħti l-benefiċċju tad-dubju lill-imputat u takkollalu l-anqas piena preskritta fl-istess Artikolu 29, b'dan li f'dan il-każ tqis li hija applikabbli l-attenwanti imsemmija fl-Artikolu 45 tal-istess Ordinanza għar-raġunijiet aktar il-fuq imsemmija.

## *Decide : -*

Li wara li rat l-Artikoli 24(1), 33(1), 29 u 43A tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ssib lill-imputat Kevin Grech ħati tal-

imputazzjoni kontestata lilu, tikkundannah għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' elf mitejn u ħamsin euro (€1250) li għandhom jitħalsu fi żmien sitt xhur millum.

***Mogħtija illum 9 ta' Marzu 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***